# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-22 ta' Gunju, 2017**

**Fl-atti tal-Mandat t'Inibizzjoni**
**Numru 745/17 fl-ismijiet:**

**Vincenza Vassallo (I.D. 558049 (M);**
**Carmelo Vassallo (I.D. 782951 (M));**
**Helen Caruana (I.D. 17353 (M));**
**Anthony Vassallo (I.D. 321662 (M));**
**Marija Borg (I.D. 418557 (M);**
**Alexandra Farrugia (I.D. 635655 (M));**
**Joseph Vassallo (I.D. 567358 (M));**
**Manwel Vassallo (I.D. 8260 (M));**
**Salvina Zarb (I.D. 648850 (M))**

**vs.**

**Kimberly Grech (I.D. 212491 M)**

Il-Qorti,

1. Regghet rat ir-rikors datat is-16 ta’ Marzu, 2017, (ara foll 1);

2. Regghet rat id-digriet preliminari taghha datat ukoll is-16 ta’ Mejju, 2017, (ara foll 1 u 33);

3. Rat ir-risposta tal-intimata datata l-20 ta’ Gunju, 2017, (ara foll 48);

4. Ezaminat id-dokumenti esebiti mill-kontendenti;

5. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

6.0. Illi sintetikament ir-rikorrenti qed jitolbu s-segwenti:

6.1. Illi ghandhom interess jipprotegu d-drittijiet taghhom rigwardanti l-proprjeta` taghhom indikata fl-istess rikors promotur;

6.2. Illi dan qed isir minhabba l-intenzjoni tal-intimat li teffettwa xoghol ta’ kostruzzjoni fi proprjeta` adjacenti dik tar-rikorrenti;

6.3. Illi kemm- il darba l-intimata tezegwixxi dawn ix-xogholijiet minnha prospettati, din tilledi fost affarijiet ohra d-drittijiet ta’ servitu` tar-rikorrenti fuq il-proprjeta` involuta;

Ikkunsidrat:

7.0. Illi min-naha taghha l-intimata rrispondiet sintetikament is-segwenti:

7.1. Illi l-proprjetajiet tal-kontendenti kienu originarjament fond wiehed li gew sussegwentement separati;

7.2. Illi t-terazzin in dizamina dejjem kien proprjeta` tal-intimata;

7.3. Illi ghalhekk l-intimata ghandha dritt tuza l-istess kif jidhrilha xieraq;

Ikkunsidrat:

8. Illi kif jidher mir-ritratti esebiti *in atti* (ara foll 9), it-twieqi tar-rikorrenti ghandhom servitu` ghad-dawl u l-arja mill-fond servjenti tal-intimata;

9. Illi kemm- il darba jinbena dak prospettat fuq it-terazzin *de quo*, dan jimpingi fuq is-servitu` fuq riferit;

10. Illi ghalhekk id-drittijiet tar-rikorrenti b'hekk jigu mnaqqrin b'mod irrimedjabbli;

Ikkunsidrat:

11.0. Illi fir-rigward tat-talbiet in dizamina tirrileva sintetikament is-segwenti:

11.1. Illi *ai termini* tal-artiklu 873 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jirrizulta pacifiku li l-iskop tal-procedura odjerna hu li jzomm persuna, tkun li tkun, milli jaghmel xi haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li tkun qed titlob il-mandat;

11.2. Illi biex dan l-iskop jintlahaq jinhtieg:

11.2.1. Illi r-rikorrenti juru li l-mandat rikjest hu necessarju biex jigu tutelati d-drittijiet taghhom;

11.2.2. Illi r-rikorrenti jkollhom, tal-anqas fil-livell ta' *prima facie*, dawk id-drittijiet minnhom vantati;

Ikkunsidrat:

12. Illi biex tali procedura hekk inizzjata mir-rikorrenti tirnexxi jinhtieg li dawn jipprovaw li bil-possibbli azzjoni tal-intimat minnhom individwata, huma jkunu ser ibaghtu pregudizzju;

13. Illi *di piu`*, iz-zewg rekwiziti fuq elenkati, (ara paragrafu numru hdax punt tnejn, (11.2.), aktar qabel), dawn ghandhom jigu kkunsidrati kumulattivament u mhux alternattivament;

14. Illi ghalhekk, jekk wiehed mill-istess rekwiziti ma jirrizultax, it-talba tar-rikorrenti ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

15. Illi jigi sottolineat li l-procedura odjerna hi wahda ta' natura eccezzjonali – ghalkemm necessarjament sommarja;

16. Illi *di piu`*, fl-analizi taghha f'dan il-livell operattiv, il-qorti hi impedita milli tidhol u tanalizza l-mertu fil-profondita` li tkun tista' tixraqlu;

Ikkunsidrat:

17.0. Illi minn analizi tar-rizultanzi tissottolinea is-segwenti:

17.1. Illi r-rikorrenti jippossjedu s-servitujiet minnhom vantati;

17.2. Illi l-kostruzzjoni proposta mill-intimata ser tilledi dawn id-drittijiet ta' servitu` rikjamati mir-rikorrenti;

17.3. Illi hi sodisfatta li kemm- il darba l-intimata tibni dak minnha prospettat, allura d-drittijiet tar-rikorrenti jigu pregudikati – anke permanentement;

Ikkunsidrat:

18. Illi in vista tal-premess din il-qorti tqis li r-rikorrenti pprovaw il-kaz taghhom skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

18.1. Takkolji t-talbiet tar-rikorrenti;

18.2. Tirrespingi r-risposti tal-intimata;

18.3. Tvarja *contrario imperio* d-digriet provizorju precedenti taghha datat is-16 ta' Mejju, 2017, fuq riferit, b'mod li issa l-mandat *de quo* jinhareg b'mod permanenti;

18.4. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-intimata.

________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**